MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Avviz Numru. 314/2010

**Baeva Olena Christoferivna (ID Nru 220899M)**

**Vs**

**Duncan Fenech (ID Nru 547174M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) rapprezentanti hlas dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru 2005 fl-atti tan-nutar Joseph Debono (kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bhala Dok A) u li baqa' ma thallasx, oltre l-imghaxijiet mid-data tal-kuntratt de quo sad-data tal-effettiv pagament, bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%).

Nonostante illi l-intimat gie interpellat ihallas, hu baqa' inadempjenti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat mar-rikors, kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokument anness mal-istess rikors a fol 2 sa fol 3 tal-atti u markat Dok A.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tar-rikorrenti sabiex l-intimat jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-intimat naqas u ma deherx fit-30 ta' Marzu 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-istess rikorrenti s-somma ta' €11,646.87 bl-imghax legali mis-6 ta' Settembru 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' din il-procedura inkluzi dawk ta' mandat kawtelatorju ta' sekwestru tas-6 ta' Settembru 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------